SANTA LUĊIJA

Minuti

It-Tmien Leġislatura

Laqgħa Numru 27-21

20 ta' Mejju, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.00 p.m.

PREŻENTI:

Charmaine St John – Sindku

Frederick Cutajar – Viċi Sindku

Terrence Ellul – Kunsillier

Kylie D'Amato - Kunsilliera

Liam Sciberras – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti – Doris Baldacchino – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Minuti:

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa

27.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

27.2 Il-Minuti tal-laqgħa numru 25-21 ġew approvati fuq proposta tas-Sindku Charmaine St John u ssekondata mill-Kunsilliera Kylie D'Amato

Il-Minuti tal-laqgħa numru 26-21 ġew approvati fuq proposta tas-Sindku Charmaine St John u ssekondata mill-Kunsilliera Kylie D'Amato.

Il-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras qal li ref punt 25.4.1 (Apparat tal-Kunsill) mill-minuti 25-2021 huwa kellu kull rispett lejn l-ex Segretarju Eżekuttiv pero ried isaqsi jekk kienx hemm xi informazzjoni utli għal kunsill fuq il-laptop u l-mobile tas-segretarju Eżekuttiv. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li x-xogħol kollu tal-kunsill kien jinsab fuq il-kompjuter tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras qal li ref punt 26.2 (Proġett Promenade) mill-minuti 26-21 huwa kien jifhem x'riedet tfisser is-Sindku meta qalet li l-Kunsill ma kellux *man power* pero' huwa jħoss li l-Kunsill għandu jiċċara l-kuntest tal-espressjoni għaliex mhux l-ewwel darba li l-Kunsll kien ħareġ offerta sabiex isiru x-xogħolijiet. Is-Sindku qalet li l-Kunsill lanqas żmien ma kellu sabiex ikun jista' joħroġ din l-offerta.

Il-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras qal li l-live streaming ma kienx qed jaħdem għalhekk il-Kunsill ipprova jara x'kienet il-problema pero' jidher illi l-live streaming kien qed jaħdem fuq il-website tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u ma kienx qed jaħdem fuq il-website il-ġdida li kien għadu kemm vara l-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lis-supplier sabiex naraw x'kienet il-problema.

Il-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras qal li s-sound fuq live streaming waqt il-laqgħat tal-Kunsill ma kienx ċar. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill għandu jieħu kwotazzjoni għal apparat li kien qed jissuġerixxi l-Kunsillier Liam Sciberras.

Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru CM 27 għal perjodu bejn 30 ta' Marzu 2021 sa 14 ta' Mejju, 2021 u minn ċekk numru BOV 8307 sa ċekk numru BOV 8326 u minn *Bank Transfer 86-21* sa 123-21.

Kwotazzjoni speed moderators

Is-Sindku Charmaine St John ippreżentat kwotazzjoni għal speed moderators sabiex jeħlu f'Vjal Oleandri. Il-Kunsill qabel mal-kwotazzjoni.

Skema għall-ġbir ta' żejt użat

Is-Sindku ressqet talba sabiex f'Santa Luċija jiżdied kontenitur fejn jista' jintrema' ż-żejt użat. Il-Kunsill iddiskuta pero' qabel li għal issa dan is-suġġeriment jiġi pospost.

Korrispondenza uffiċjali mingħand resident.

Is-Sindku preżentat komunikazzjoni uffiċjali mingħand resident sabiex l-Kunsill jiġbor kemm jista' jkun mit-tlettax l-installazzjonijiet li kien hemm għal wiri waqt esebizzjoni mtella' mill-Valletta 2018 fi Pjazza Tritoni l-Belt fl-2018, sabiex dawn jitpoġġew kollha b'mod permanenti fi Gnien is-Serenita' u b'hekk dan il-ġnien ikun jista' jkollu għal wiri parti relatata mal-kultura ciniża u l-parti l-oħra l-kultura tal-lokal.

Il-Kunsll iddiskuta dan il-punt u qabel li għandha ssir din it-talba u qabel ukoll sabiex isir r-restawr xieraq ta' dawn l-installazzjonijiet.

Talba għal kiri ta' spazji

Is-Sindku ressqet talba għal kiri ta' spazji. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi għandna noffrulu l-użu tal-Ġnien is-Serenita' bil-ħlas skond il-bye law eżistenti.

Nazzareno Vassallo Award 2021

Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien bagħat kopja tal-applikazzjoni għal Nazzareno Vassallo Award 2021 lill-Kunsilliera. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna ninnominaw lill-persuna li waqt il-pandemija kien jalleġra lin-nies bil-kant.

Problema tal-Ġbir tal-Iskart Domestiku

Is-Sindku preżentat korrispondenza mressqa mingħand resident li kien qiegħed jilmenta rigward munzell garbage quddiem il-bibien tad-djar jew garaxxijiet fi Vjal Oleandri. Il-Kunsill iddiskuta dan l-ilment u qabel li għandna nkellmu lill-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart.

Triq il-Klematis PA

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-Perit tal-Kunsill fejn qiegħed jgħid li sa issa għad ma kienx hemm applikazzjonijiet u dawn għadhom biss spekulazzjonijiet. Is-Sindku qalet illi qabel ma tidħol l-applikazzjoni l-Kunsill ma setax jagħmel oġġezzjoni.

Problema ta' Ġrieden fi Triq il-Ġibjun

Is-Sindku preżentat ilment imressaq mill-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras rigward problema ta' ġrieden fi Triq il-Ġibjun.

Il-Kunsillier is-Sur Terrence Ellul qal li din il-problema tfaċċat minħabba x-xogħolijiet kbar illi qed isiru f'Santa Luċija. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi l-uniku rimedju li seta' jsir kien li jissakru sew il-gutters speċjalment sa kemm terġa' tibda x-xita.

Bicycle Rack

Is-Sindku ressqet talba tal-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras sabiex ninċentivaw in-nies billi jinxtraw aktar bicycle racks għal lokal ta' Santa Luċija. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nordnaw bicycle rack oħra sabiex titpoġġa faċċata tal-grawnd tal-futboll.

Arja Pura u Nadifa

Is-Sindku ressqet talba oħra tal-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras sabiex jinxtara Air Pollutor għal Jogging Track. Is-Sindku ressqet korrispondenza li l-Kunsill kien irċieva mingħand l-ERA fuq dan il-punt. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill jipprova jagħmel talba lill-Ministru tal-Ambjent forsi jkun jista' jiġi nstallat Air Pollutor fil-Jogging Track.

Kwotazzjoni Bankina

Is-Sindku qalet illi l-Kunsill kien irċieva lment rigward bankina fi Triq Vjal Oleandti sabiex tiġi rranġata. Is-Sindku ressqet il-kwotazzjoni għal ammont ta' €642. Il-Kunsill qabel li għandha issir il-bankina fi Vjal Oleandri. Saret diskussjoni fuq is-sitwazzjoni tal-bankini u l-Kunsill qabel li għandna niddentifikaw il-bankini li ser isiru minn Infrastructure Malta kif ukoll li nitolbu lill-kuntrattur sabiex itina lista tal-bankini li għandhom il-bżonn manutenzjoni skond il-prijorita'.

Komunikazzjoni fuq l-emails tal-Kunsill

Is-Sindku qalet li fuq l-emails tal-Kunsill kien hemm xi komunikazzjonijiet minn naħa tal-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras li kinux miktubin b'mod etiku. Hija qalet li kulħadd għandu jkun responsabbli għal mod ta' kif jikteb speċjalment fuq il-mezzi uffiċjali tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras spjega li huwa kien sema' rigward skema mħabbar mill-Ministru Roderick Galdes rigward ir-rinovazzjoni ta' numru ta' flattijiet f'Ħal Qormi u f'Santa Luċija li kienu ser jiġu rinovati kemm fil-faċċata ta' barra kif ukoll fil-komun. Huwa staqsa lill-Kunsill għaliex f'Santa Luċija l-bini tal-Gvern kienu qed isiru monutenzjoni tal-komun biss.

Is-Sindku kkonfermat li l-Kunsill ma kien irċieva l-ebda komunikazzjoni dwar dan u li bħalissa kienet għaddejja skema fejn qed jitranġa l-komun biss.

Il-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras talab skuża għal konfront tiegħu mas-Sindku.

Il-Kunsillier is-Sur Terrence Ellul ta' rendikont dettaljat ta' kif kienu ħarġu l-iskema tal-housing waqt il-leġislatura tiegħu li kienet għadha fis-seħħ.

Park & Garden – Meeting

Is-Sindku spjegat li l-komunikazzjonijiet li kienu qiegħdin isiru fuq what's app kienu qed isiru flimkien mal-contracts manager sabiex l-ilmenti jkunu jistgħu jiġu ndirizzati b'mod aktar immedjat u effiċjenti. Hija qalet illi b'dan il-mod ta' komunikazzjoni qed jiġu diskussi biex xogħolijiet li għandhom isiru għaliex ikun hemm issues li jridu jsiru u l-contracts manager tkun tista' tikkordina mal-kuntratturi b'mod aktar faċli u effiċjenti. Il-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras qal li huwa ma kienx jaf li din il-komunikazzjoni kienet qed tintuża mal-Contracts Manager biss minħabba l-kuntratturi.

Talba Librara

Is-Sindku qalet illi l-librara kienet għamlet talba sabiex tingħata ġurnata leave bi ħlas fix-xahar. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-librara dejjem tat servizz eċċellenti u għalhekk jistħoqqilha li jkollha ġurnata vakanza fix-xahar.

Quote bibien ta' barra tal-Latrina

Is-Sindku ressqet kwotazzjoni tal-bibien ta' barra tal-latrina. Hija qalet li l-bibien eżistenti ċċekkjat u jistgħu jiġu rranġata. Il-Kunsill iddiskuta u qabel fuq din il-kwotazzjoni għal prezz ta' €1180.

Festoon Ġnien is-Serenita'

Is-Sindku ressqet kwotazzjoni għal festoon li ser isir fi Ġnien is-Serenita' minħabba l-open exhibition li kienet ser tittella' b'kollaborazzjoni ma' *Chinese Cultural Centre* f'Malta. Il-Kunsill qabel mal-kwotazzjoni.

Kwotazzjoni Recovery Cages

Is-Sindku ressqet kwotazzjoni sabiex jinxtraw ir-recovery cages. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nixtru żewġ recovery cages.

Quote Aerobics fil-Bandli

Is-Sindku qalet li minn Lulju kienet irċiviet talba sabiex jibdew isiru l-aerobic lessons fil-bandli. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nibdew bil-lezzjonijiet tal-Aerobics.

27.5 Proposta Promenade

Is-Sindku ressqet ir-rapport għall-proposta tat-traffic management f'Santa Luċija. Hija spjegat illi dan l-istudju kien sar mill-Universita' ta' Malta. Il-Kunsill iddiskuta dan ir-rapport u l-possibilita' sabiex Dawret it-Torri ssir One Way. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li għandu jsir proġett pilota għal xahar bit-triq One Way u wara ssir konsultazzjoni mal-pubbliku b'hekk il-Kunsill ikun f'pożizzjoni aħjar biex jieħu l-aħjar deċiżjoni.

Is-Sindku qalet li Triq Prinjoli l-Kunsill għandu jibda jaħdem sabiex it-triq tingħata lir-residenti u t-triq issir One Way.

Il-Kunsillier is-Sur Terrence Ellul qal li huwa kien beda mill-ewwel ġurnata jgħid li kulħadd qed jitkellem biss fuq it-toroq u l-promenade dejjem qed jitħalla barra. Huwa qal li t-triq issir one way sabiex issir karreġjata għar-roti ma kienx jaqbel u qal ukoll li lanqas kien qed jaqbel li jsir proġett pilota ta' xahar għal Dawret it-Torri.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Kylie D’Amato qalet li l-Kunsill dejjem kien juri x-xewqa li jsir il-promenade u jekk Triq il-Prinjoli kif ukoll Dawret it-Torri ma jsirux One Way il-proġett tal-promenade ma jkunx jista’ jsir. Hija sostniet li x-xewqa tagħha kienet li jsir il-promenade.

Il-Kunsillier is-Sur Terrence Ellul qal li fi żmien kienu għamlu prova ta’ parkeġġ li qatt ma ntuża u allura ma kienx jara problema li l-promenade joħroġ sa hemmekk, imbaghad jekk it-triq tkun tiflaħ li tibqa’ two way allura tkun tista’ tibqa two ways.

Is-Sindku qalet li hija kienet qed tipproponi li Triq il-Prinjoli ssir il-bankina ta’ tlett metri u jekk it-triq tkun tiflaħ li tibqa’ two ways allura għandna nħalluha, minn naħa l-oħra hija qalet li jekk ma tkunx tista’ tibqa’ two way allura għandna nmorru sabiex ssir one way. Il-mozzjoni għaddiet għal vot fejn is-Sindku Charmaine St John, il-Kunsillier Terrence Ellul u l-Kunsillier Liam Scibberas ivvutaw favur filwaqt li l-Viċi Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsilliera Kylie D’Amato ivvutaw kontra.

27.6 Devoluzzjoni tal-Basketball Pitch

Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien irċieva l-permess sabiex isiru x-xogħolijiet fil-Basketball Pitch bil-kundizzjoni li l-Kunsill japplika għad-devoluzzjoni tiegħu. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna napplikaw għall-amministrazzjoni ta’ din il-proopjeta’.

27.7 Ħatra ta’ Uffiċjal Eżekuttiv Part-Time Skala 13

Is-Sindku qalet illi fuq deċiżjoni tal-bord kienet qed tipproponi li t-tieni kontestanta tiġi magħżula għal din is-sejħa. Il-Kunsill qabel ma din id-deċiżjoni.

Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Terrence Ellul talbu li jkunu skużati mil-laqgħa 6.48pm

Il-Kunsillier is-Sur Liam Scibberas ukoll talab li jkun skużat mil-laqgħa għalhekk ma kienx ser jibqa’ quorum. Il-Kunsill qabel illi l-item li kien fadal jiġi diskussa waqt laqgħa li kien imiss.

27.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fil-6.51pm. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 24 ta’ Ġunju, 2021 fil-5:00pm

Konfermati illum ________________________ta’ _____________2021.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Charmaine St John | Doris Baldacchino |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |